MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' April, 2013

Appell Kriminali Numru. 336/2011

**Appell Numru: 336/2011**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Aaron Vella**

Illum 18 t'April, 2013
Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Talli fis-6 ta' Marzu, 2011 ghal-habt ta' 00.00hrs u s-01.00hrs gewwa l-fond Havana Bar, Triq San Gorg, Paceville, San Giljan:
1) Hebb kontra l-persuna ta' Donna Zammit u kkagunalha offiza ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr. Ramon Scerri M.D. mill-Mosta Health Centre.
Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-Sec. 383 tal-Kap 9..
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Lulju, 2011 fejn sabet lil

appellant hati u wara illi rat l-artikolu 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu multa ta’ €500 (hames mitt ewro).

Rat ir-rikors tal-appellant pprezentat fid-19 ta’ Lulju, 2011 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka is-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull htija u piena u okkorrendo ikun il-kaz, subordinament tipprovdi ghall-piena aktar mita u idoneja.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

Illi hija il-fehma umli tal-appellant li l-Ewwel Qorti ma setghatx ragjonevolment issib htija fil-konfront tal-appellant u dan ghar-ragunijiet li ser jigu hawn esposti;

Illi bid-dovut rispett, l-appellant gie misjub hati talli fil-lejl in kwistjoni hu ghamel xogholu u sabiex jevita li jinqala glied kbir u jwegghu in-nies, talab lill-parte civile biex thalli l-istabbiliment fejn kien ilha ghal tul ta’ hin tiggieled man-nise u taqla l-problemi, probabli sforz tal-alkohol li kienet xorbot;

Illi l-appellant jissottometti illi hwua fid-dmir tieghu bhala security officer li persuni li jkunu trouble makers jinhargu mill-istabbiliment, billi jintalbu johorgu bil-kelma t-tajba u fin-nuqqas jinhargu bil-forza jekk ikun hemm bzonn;

Illi f’dan il-kaz, il-parte civile kienet vjolenti ferm mhux biss fil-konfront tal-appellant izda anki fil-konfront ta’ terzi li kienu prezenti. Il-griehi li setghet garrbet il-*parte civile* kienu ghaldaqstant griehi *self inflicted* li probabilement garrbithom sforz kemm issarat u tat bil-ponn u bis-sieq lill-appellant.

Illi l-appellant jissottometti ulterjorment illi l-unika xhud okkulari li tellghu mill-proskeuzjoni f’dan il-kaz kienet il-

*parte civile* innifisha u hadd aktar ma kkorraborha l-verzjoni tal-fatti taghha;

Illi l-appellant innifsu ghazel illi jixhed f'dawn il-proceduri u ta' verzjoni ta' fatti li kienet verosimili hafna ghal cirkostanzi simili li jinqalghu ta' kuljum fi stabbilimenti tax-xorb fejn sfortunatament ikun hemm min jesagrea u jigi fi stat fejn ma jkunx qed jirraguna;
Illi l-appellant ihoss li l-prosekuzzjoni ma lahqitx il-grad ta' prova rikjest biex huwa jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati u dana stant illi ma tezistix ic-certezza morali u cioe` dak li huwa lil hinn mid-dubju dettat mir-raguni li hu fil-fatt ikkommetta r-reat kif addebitat lilu;

Illi ghall-kuntrarju, l-appellant jemmen li d-difiza lahqaet il-grad tal-prova tal-probabbli bil-verzjoni tal-fatti li ta hu fix-xheida teighu u f'dan ir-rigward jissottometti illi la d-difiza lahqet il-grad tal-probabbli, dan kellu jkun bizzejjed biex l-Ewwel Qorti tilliberah minn kull akkuza.

Illi fl-aghar ipotezi l-provi prodotti jistghu jitqiesu li jwasslu ghal konvinzjoni fil-livell tal-possibbli u forsi tal-probabli pero` certament mhux beyond reasonable doubt liema dubju ghandu ghalhekk jimmilita favur l-akkuzat;

**<u>Aggravji dwar il-piena</u>**

Illi minghajr pregudizzju ghas-susepost, fl-umli fehma tal-appelant, il-piena kienet wahda eccessiva u mhux idoneja.

Illi minghajr pregudizzji, anki jekk u kieku zbalja, l-appellant m'huwiex '*hardened criminal*' li jkolli xi disposizzjoni jirrepeti l-agir tieghu fil-konfront ta' xi persuni ohra;

Illi l-fedina penali tal-appellant hija nadifa ghal-kollox u fic-cirkostanzi kien ikun jixraq li l-Ewwel Qorti timponi piena li tkun aktar mita.

Ikkunsidrat:
Irrizulta mill-provi illi fis-sitta (6) ta' Marzu tal-elfejn u hdax (2011) bejn nofsillejl u s-siegha ta' filghodu (1.00a.m.)

kien hemm gewwa l-fond Havana, Triq San Gorg, Paceville, San Giljan, Donna Zammit u l-gharus taghha Massimo Galea. F'hin minnhom dan Galea illarga biex imur it-toilet u fuq mejda kien hemm pitcher biex xorb illi accidentalment twaqqa' u peress illi kien hemm xi barranin li kienu qieghdin bilqieghda hdejha Zammit avvicinathom biex tiskuza ruhha talli waqqghet il-pitcher peress illi hasbet illi kien taghhom. Kien waqt illi qed titkellem maghhom illi ndunat illi attwalment dak il-pitcher kien inxtara minn Massimo Galea minghajr ma qalilha. Dan id-diskors bejn Zammit u l-barranin ingieb ghall-attenzjoni tal-appellant Aaron Galea illi mar fejn Zammit, qabadha minn spallejha u qalilha biex tohrog 'il barra mill-post. Jidher illi kien hemm xi rezistenza minn Zammit u ghalhekk l-appellant qabadha minn idejha u kaxkarha 'l barra mill-post. Nel frattemp gie lura l-gharus taghha Massimo Galea u ra lill-appellant ikaxkar lil Donna Zammit 'il isfel mit-tarag tal-post u bhala konsegwenza ta' dan Zammit sofriet tbengil u grif fuq irkobtejha kif certifikat minn Dottor Ramon Xerri mill-Mosta Health Centre. Dawn il-feriti gew deskritti bhala ta' natura hafifa. Fil-kors ta' dan l-incident Zammit ippruvat tispjega lill-appellant illi fil-post kienet halliet il-gakketta u l-affarijiet personali taghha izda l-appellant ma tax kaz u xorta kaxkarha 'l barra. Meta dahlet lura biex iggib l-affarijiet, inkluz il-mobile, dawn ma sabithomx hemm ghax kienu nsterqu.

L-appellant qal illi d-diskors bejn Donna Zammit u xi barranin iddegenera f'argument u kien ghalhekk illi wara li kien gibidlu l-attenzjoni d-DJ dwar dan l-argument huwa talab lil Zammit sabiex tohrog 'il barra izda dina ma riditx u bdiet tirrezistih u ghalhekk kellu jkaxkarha 'l barra mill-post. L-appellant jghid illi fl-ebda hin ma ra lil Zammit mal-art.

L-ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha waslet ghall-konkluzjoni illi l-verzjonijiet moghtija minn Donna Zammit u Massimo Galea kienu aktar veritiera mill-verzjoni moghtija mill-appellant. Dawn il-verzjonijiet huma kompatibbli mac-certifikat mediku illi rrilaxxa Dottor Ramon Xerri meta ddeskriva l-griehi sofferti minn Zammit bhala grif u nefha fuq quddiem tal-irkoptejn, li tfisser illi

dawn l-irkoptejn gew b'xi mod f'kuntatt ma' blunt object bhalma hija l-art. Terga', l-appellant mhuwiex qieghed jichad illi huwa kaxkar lil Zammit 'il barra mill-istabilment izda jghid illi ghamel hekk il ghaliex Zammit kienet qieghda tirrezistih u ma riditx tobdi l-ordnijiet tieghu.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ukoll tasal ghall-konkluzjoni bhalma waslet l-ewwel Qorti u taghmel l-istess osservazzjoni illi kull security ghandu d-dover illi jaghmel xoghlu u jzomm il-kwiet fl-istabiliment illi jkun qieghed jghasses. Izda dan ma ghandu l-ebda dritt illi jikkaguna griehi fuq persuna waqt il-qadi ta' dmirijietu. Hawnhekk din il-Qorti trid taghmel differenza bejn l-uzu tal-forza u l-uzu tal-vjolenza. Filwaqt illi security fi stabiliment ghandu d-dritt illi juza l-forza sabiex izomm il-kwiet u l-ordni gewwa l-istabiliment, m'ghandu qatt juza l-vjolenza b'tali mod illi jikkawza xi forma ta' offizi fuq persuna ohra. Security ghandu jkollu t-tahrig kollu necessarju sabiex hu jkun jista' jikkontrolla sitwazzjonijiet fejn anki persuni jidhlu fil-glied jew inkella jargumentaw b'mod vjolenti, u l-uzu tal-forza ghal dawn is-security ghandha tkun l-ahhar soluzzjoni meta l-perswazjoni ma tasalx. Jekk allura s-security jeccedi l-uzu tal-forza u jidhol fir-relm tal-vjolenza, allura dana jkun responsabbli tal-konsegwenzi illi huwa kkawza. Evidentement li tkaxkar persuna barra minn stabiliment hemm l-uzu tal-vjolenza u mhux biss tal-forza u peress illi l-appellant huwa akkuzat bi ksur tal-ligi ta' natura kontravenzjonali, allura f'dan il-kaz huwa immaterjali l-intenzjoni li kellu l-appellant peress illi fil-kontravenzjonijiet il-Qorti trid tara lejn dan il-ksur tal-ligi b'mod oggettiv u mhux soggettiv.

Ma hemmx dubbju illi l-appellant ikkawza offiza ta' natura hafifa fuq Donna Zammit u dana ghamlu bl-uzu ta' vjolenza li m'ghandu qatt ikun ittollerat jew iggustifikat fil-qadi ta' doveri ta' security. Ghalhekk din il-Qorti thoss illi l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Ghalhekk mhux il-kaz illi d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------